# SAN GUZEPP FIL-BOLLI TA' MALTA

minn Fr. Patrick G. Abela, O.Carm.

Għalkemm pajjiżna hu ċkejken fid-daqs, pero' f'ħafna suġġetti għandu storja twila u sabiħa u jista' jħabbatha ma' nazzjonijiet ferm akbar minnu. Meta niġu biex nistudjaw l-istorja tal-filatelija dinjija u b'mod partikulari dik tal-bolla adeżiva, insibu li Malta hi waħda minn dawk il-pajjiżi ta' quddiem li kellhom isimhom fuq l-bolli. Infatti l-ewwel bolla bl-isem ta' Malta fuqha ħarġet fl-1 ta' Diċembru 1860 u din id-data lilna tpoġġina minn ta' quddiem fl-istorja tal-filatelija fid-dinja.

## Suġġetti reliġjużi

Peress li fl-imgħoddi missirijietna kienu għażlu li jkunu taħt il-protezzjoni tal-Kuruna Ngliża, kienet ħaġa naturali li l-ewwel bolla ta' Malta jkun fiha fuqha wiċċ ir-Reġina Vittorja li dak iż-żmien kienet ir-renjanti ta' l-Imperu Ngliż. U domna snin twal naraw wiċċ ir-renjanti ngliżi fuq il-bolli ta' Malta.

L-ewwel bolla ta' Malta b'suġġett reliġjuż kienet dik ta' l-Appostlu missierna San Pawl. Fl-4 ta' Frar 1899 ħareġ is-sett definittiv u fuq il-bolla tan-nofs lira kien hemm riproduzzjoni minn inċizjoni ta' Gustav Dore' (1833-1883) li turi n-Nawfraġju ta' San Pawl fil-Gżira tagħna. Minn dik id-data sal-1967, il-figura ta' San Pawl tidher għal għoxrin darba fil-bolli ta' Malta. (Ara P. Abela, O.C.: Il-Festi Tagħna p. 11-19, maħruġ mill-Kumitat festi Esterni, San Pawl Rabat-Malta). Wara San Pawl deher San Pubbliju. Fis-sett definittiv tal-1926-27, fil-bolla tax-xelin u nofs naraw riproduzzjoni ta' l-Istatwa titulari li tinsab fil-knisja arċipretali tal-Furjana. Il-Madonna kellha tistenna kważi mitt sena biex ix-xbiha tagħha tidher fil-bolli ta' Malta. Kien it-12 ta' Lulju 1951, meta l-Amministrazzjoni Postali ta' Malta ħarġet l-ewwel sett fuq il-Madonna, fejn kien ġie riprodott il-Kwadru Nkurunat tal-Madonna tal-Karmnu li jinsab fis-Santwarju tagħha tal-Belt Valletta, għax kien qiegħed jiġi ċċelebrat is-Seba' Ċentinarju tal-Labtu tal-Karmnu.

## Ix-Xbiha ta' San Ġużepp

Fil-kollezzjoni tematika fuq San Ġużepp insibu li l-figura tiegħu tidher f'ħafna bolli ta' Malta. Pero' żewġ bolli biss minn sett wieħed kienu ħarġu biex ifakkru ġrajja proprja fuq San Ġużepp. Għalhekk ikun tajjeb li naqsmu din il-kollezzjoni fi tnejn: l-ewwel waħda tkun titratta mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru ta' San Ġużepp tal-Qala, u t-tieni naraw kif jidher San Ġużepp fil-bolli tal-Milied.

## A) San Ġużepp tal-Qala

Fit-8 ta' Diċembru 1870, il-Papa Piju IX kien ħareġ bolla bl-isem ta' "Quemadmodum Deus" li permezz




Uħud mi'l-bolli fejn jidher San Ġużepp.
1 u 2 San Ġużepp tal-Qala; 3. Milied 1964; 4. Milied 1966; 5. Milied 1968; 6. Milied 1974; 7 u 8. Milied1979.

tagħha ddikkjara lil San Ġużepp bħala Patrun Universali tal-Knisja Kattolika. Fl-ewwel ċentinarju ta' din l-okkażżjoni saru festi kbar fid-dinja kollha f'ġieħ l-Għarus tal-Verġni Marija. U Malta ma baqgħetx lura. Kien ġie maħsub biex fost affarijiet oħra ssir l-Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp li jinsab fil-knisja parrokkjali tal-Qala. Din kellha tkun ittieni waħda wara dik ta' San Ġużepp ix-Xiħ li jinsab fis-Santwarju tiegħu tar-Rabat.

Il-kwadru titulari tal-Qala hu opra tal-pittur Ġiuseppi Cali' (1846-1930). L-Inkurunazzjoni saret mill-Kardinal Arċisqof ta' Milan Giovanni Colombo nhar it-8 ta' Awissu 1971 fost il-ferħ tad-devoti kollha ta' San Ġużepp. Ftit ġimgħat qabel ma saret din l-inkurunazzjoni, l-Amministrazzjoni Postali ta' Malta, kienet ħarġet sett ta' erba' bolli bl-isem ta' "Anniversarji Reliġjużi". Tnejn kienu ta' San Ġużepp tal-Qala u tnejn tal-Bambina ta' l-Isla. Is-sett ħareġ fl-24 ta' Lulju 1971 u kellu l-valuri tal-2d; 5d; 10d; u 1s/6d. Id-disinjatur kien il-Kav. Emvin Cremona li bħalma kien jaf jagħmel hu, tana sett sabiħ li jagħmel unur lill-filatelija Maltija. Iż-żewġ bolli, tal-2d. u ta' l-10d. għandhom l-istess disinn fuq sfond ta' kulur blu u aħdar skur rispettivament għaż-żewġ bolli. Fuq in-naħa tax-xellug fin-naħa ta' fuq ta' kull waħda hemm miktub bid-deheb 1870-1970. Kważi fin-nofs għannaħa tal-lemin jidher il-kliem, dejjem bid-deheb, "Patroċinju ta' S. Ġużepp". Il-kelma "Malta" u l-valur ta' kull waħda huma miktuba bl-abjad fin-naħa tisfel ta' kull waħda.

Dan kien sett popolari u ħafna nies, anke mhux filatelisti, xtrawh imħabba l-qima li għandhom lejn il-Madonna u l-Patrijarka San Ġużepp.

## B) San Ġużepp fil-bolli tal-Milied

Il-bolli tal-Milied, hawn Malta bdew fl-1964 u kienu l-ewwel sett wara l-Indipendenza. Kien sett ta' tlitt valuri, bl-istess disinn oriġinali magħmul b'kuluri differenti mill-Kav. Emvin Cremona. Dan hu wieħed mill-aqwa settijiet tal-Milied li għandna Malta. Dan is-sett lilna jinteressana ħafna għax kien fih li deher għall-ewwel darba San Ġużepp. Hawn naraw, kważi fin-nofs ta' kull bolla lil San Ġużepp b'idejh marbuta f'qagħda ta' wieħed li qiegħed jadura lit-Tarbija Ġesu' waqt li qed iħaddan ma' sidru l-bastun. It-tlitt bolli tal-Milied 1965 juruna l-istess disinn u fih jidhru biss is-Slaten Maġi. Għalhekk f'dan is-sett ħadd mill-persunaġġi tal-Familja ta' Nazareth ma jidher fih. Imma San Ġużepp jerġa' jidher fis-sett tal-bolli tal-Milied tal-1966. F'din is-sena il-Kav. Emvin Cremona għamel disinn oriġinali fuq il-bolli. Id-differenza bejn bolla u oħra qiegħda biss fil-libsa tal-Madonna. għax f'kull waħda tidher b'kulur differenti. Lil San



Scetch oriġinali tal-Kav. Emvin Cremona, qabel ma għamel id-disinn tal-bolli tal-Milied 1979. Taħt tidher il-firma tad-disinjatur.

Ġużepp narawh bil-persuna kollha tiegħu fuq ix-xellug tal-Madonna, bil-ilbies tipiku Lhudi u jżomm il-bastun f'idu x-xellugija. Fil-Milied tal-1967 Cremona għamel disinn oriġinali ħafna. Għandna tlitt bolli miġbura fi trittiku wieħed li jirrappreżenta x-xena kollha ta' dak li seħħ fil-lejl tal-Milied. Is-Sagra Familja tidher fin-nofs ta' dan it-trittiku. Permezz ta' silhouette naraw lil San Ġużepp mill-qadd 'l fuq b'rasu kważi tmiss ma' ras il-Bambin, xena li trid turi ntimita' kbira bejn Ġesu' u l-missier putattiv tiegħu. Figura ħelwa ta' San Ġużepp narawha f'waħda mill-bolli tal-Milied tal-1968. Dan kien sett ieħor oriġinali ta' Cremona bi tlitt bolli, kull waħda differenti. Fit-tieni waħda, dik tat-8d., jidher it-tfajjel Ġesu' ġo max-tura fl-art u bil-wieqfa jħarsu lejh hemm il-Madonna, San Ġużepp u wieħed mir-ragħajja ta' Betlehem. Din id-darba l-Patrijarka qiegħed fuq il-lemin tal-Madonna, bl-ilbies abjad u iswed u għal darb'oħra jżomm il-bastun f'idu x-xellugija.

Fl-1969 rajna sett tal-Milied bi sfond u suġġett tipikament Maltin. Għandna sett li fih tidher l-Imdina, imma ħadd mill-Familja Mqaddsa ma hu rappreżentat f'dan is-sett ta' tlitt bolli. F'dan is-sett kienet daħlet għall-ewwel darba s-sopra taxxa. F's-sena ta' wara, Cremona jerġa' joħroġ bl-idea tal-Milied fuq sfond Malti. Is-sett tal-1970 fih tlitt bolli li kollha bħala sfond għandhom xi knisja maltija, u fuq quddiem hemm xena differenti b'konnessjoni mal-Milied. Minn dan is-sett lilna tinteressana t-tieni waħda, dik ta' l-10+2d., għax fiha naraw in-Nativita'.

Il-figuri huma żgħar ħafna u jekk wieħed jifli sewwa din il-bolla jsib li San Ġużepp qiegħed fuq in-naħa tax-xellug tal-Bambin, u qiegħed iżomm il-bastun f'idu x-xellugija.

Il-"Miniature Sheets" fil-filatelija Maltija daħlu fis-settijiet tal-Milied. L-ewwel waħda kienet dik tal-1971 u komplew għal sentejn oħra fuq xulxin cioe' fl-1972 u fl-1973. Dawn kienu settijiet mill-aqwa b'disinn oriġinali mill-Kav. Emvin Cremona u tant huma sbieħ li diffiċli tgħid liema hi l-isbaħ waħda. Imma hawn ma nistgħux nagħmlu kummenti fuqhom għax fl-ebda waħda minnhom ma jidher San Ġużepp. Għalhekk ikollna ngħaddu għas-sena ta' wara fejn insibu l-Patrijarka tagħna. Fl-1974, is-sett tal-Milied kien fih erba' bolli u din id-darba t-tema prinċipali kienet l-Istilla. Infatti fin-nofs ta' kull bolla, Cremona għamel stilla kbira. kull waħda differenti mill-oħra, u mbgħad fin-naħa tal-lemin, fir-rokna t'isfel hemm xi episodju mill-ġrajja tal-Milied. Fl-ewwel waħda, dik ta' 8m+2m naraw lil Familja Mqaddsa b'San Ġużepp bil-wieqfa fuq in-naħa tax-xellug tal-Bambin. Għalkemm din il-figura hi żgħira, pero' kull persunaġġ jingħaraf sewwa għax id-disinn hu magħmul ċar ħafna.

Fl-1977 Cremona ġie mqabbad biex jaddatta għal fuq il-bolli tal-Milied il-presepju li jkun armat ta' kull sena fil-knisja tal-Patrijiet Tereżjani ta' Bormla. Lil San Ġużepp narawh fit-tieni bolla ta' dan is-sett dik tas-7c+1c., li bħas-soltu qiegħed fuq in-naħa tax-xellug tal-Bambin, b'idu waħda fuq sidru u fl-oħra iżomm il-bastun. Hawn il-figura tiegħu tidher tajba ħafna.

Biex nitpaxxew bil-figura ta' S. Ġużepp fil-bolli tal-Milied, jeħtieġ li nieqfu nħarsu sewwa lejn is-sett tal-1979. F'din is-sena Cremona għamel l-artwork tar-riproduzzjoni ta' żewġ kwadri li jinsabu fil-knisja parrokkjali ta' Hal Tarxien. Fil-kor ta' din il-knisja hemm żewġ kwadri kbar ħafna li juru l-Milied u l-Harba lejn l-Eġittu, opri ta' Ġiuseppi Cali' (1846-1930). Dawn il-kwadri ġew riprodotti f'erba' bolli, tnejn jifformaw il-kwadri kif inhuma u tnejn partikulari minn kull waħda. San Ġużepp jidher bħala raġel xwejjaħ, b'ilbies Lhudi, b'ħarsa u qagħda ta' qdusija kbira. Nqħid għalija, dan hu l-isbaħ sett li fih nara l-figura ta' San Ġużepp.

Lil San Ġużepp nerġgħu narawh fis-sett tal-1980. Din id-darba b'mod differenti. Hawnhekk għandna trittiku ieħor. L-artwork li għamel Raymond Pitre' kien riproduzzjoni minn kwadru tal-pittur Anton Inglott (1915-1945). Hawn naraw lil San Ġużepp f'pittura ta' stil modern. Qiegħed rappreżentat bil-persuna kollha tiegħu, xi ftit imbiegħed mill-Madonna u b'wiċċ ta' raġel imdaħħal fiż-żmien. Bħal ħafna drabi nsibuh fuq in-naħa tax-xellug ta' Marija. Fis-sett tal-Milied 1982 trid tkun il-lenti biex tgħidilna li hemm il-figura ta' San Ġużepp. Hawn għandna disinn oriġinali magħmul minn Joseph L. Mallia, li fih dan l-awtur ħareġ diversi ġrajjiet mill-festi tal-Milied, u fosthom hemm

dak li seħħ fil-għar ta' Betlehem, fejn kien hemm Ġesu', Marija u Ġużeppi. Għalkemm naraw ix-xena tan-Nativita', pero' ħadd mill-persunaġġi ma jidher ċar.

Il-Milied tal-1983 jagħtina tlitt bolli u fuq tnejn minnhom hemm S. Ġużepp. L-artwork sar minn Norbert Attard, li għamel riproduzzjoni minn minjaturi meħuda mill-Ktieb tas-Sigħat tas-seklu ħmistax li kien propjeta' tal-Balliju de Breteuil. Fit-tieni bolla ta' dan is-sett, dik tat-8c+2c, naraw lil San Ġużepp bl-ilbies aħmar u Blu, iħares u jqim lil Bambin Ġesu' waqt li qiegħed fuq ix-xellug tal-Madonna. Il-bolla l-oħra dik ta' l-20c+3c, turina figura ixjeħ ta' San Ġużepp, għax narawh bi ftit xagħar u daqna bajda. Flimkien ma' Marija u Ġesu' nsibuh jilqa l-offerti



## Quddiesa ta' Radd il-Hajr mill-Banda L'Isle Adam.

Fl-1 ta' Mejju 1985, l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam, għamlet konċelebrazzjoni ta' radd il-Ħajr lill-Alla, f'egħluq il-125 sena mit-twaqqif uffiċjali tal-Banda, fil-Knisja Ta' Ġiesu, ir-Rabat, fejn kienet armata għall-okkażżjoni, u fuq l-artal il-Maġġur, kien hemm preżenti l-Vara Mirakoluża ta' San Ġużepp Inkurunat. (S. Ġużepp ix-Xiħ). Il-Ministru Provinċjal tal-Ordni Franġiskan ta' Ġiesu, Patri Guido Schembri O.F.M., ikkonċelebra flimkien ma għadd ieħor ta' Saċerdoti, li huma Diretturi Spirtwali ta' diversi soċjetajiet Filarmoniċi.

Il-Banda u l-Kor kienu frott ta' l-istess Banda L'Isle Adam taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joe Galea, assistent surmast ta' l-istess Banda.

tas-Slaten Maġi.

L-aħħar darba li naraw 'lil San Ġużepp fil-bolli tal-Milied kien fl-1984, u f'dan is-sett jidher fuq tnejn minn tlitt bolli. Hawn insibu riproduzzjoni ta' żewġ kwadri ta' pittura li jinsabu fil-knisja tal-Portu Salvu tal-Belt Valletta u li l-awtur tagħhom kien Rafel Caruana, waqt li l-artwork għall-bolli sar minn Luciano Micallef. Fit-tieni bolla, dik tat-8c+2c, San Ġużepp jidher tajjeb ħafna. Hu qiegħed fuq il-lemin tal-Bambin, b'ħarstu lejh, b'idejh marbuta u għarkubtejh b'sinjal ta' adorazzjoni. L'l San Ġużepp insibuh ukoll fit-tielet bolla, dik tat-20c+3c, u din id-darba ftit differenti missoltu, għax hawn narawh fit-tempju ta' Ġerusalemm meta Kristu kellu tnax-il sena u kien qiegħed jiddisputa mad-dutturi. Hu jidher fit-tarf tal-bolla, fuq il-lemin tal-Madonna, b'ħarsa ta' wieħed li qiegħed jitgħaxxaq b'dak li kien ħiereġ minn fomm it-tfajjel Ġesu'.

Mill-1969 sas-sena l-oħra ħarġu 22 sett ta' bolli tal-Milied. Mhux f'kull sett naraw il-figura ta' San Ġużepp, imma meta jidher narawh taħt aspetti u figuri differenti u b'hekk meta aħna nħarsu lejn din il-kollezzjoni tematika fuq San Ġużepp inkunu nistgħu ngawdu mhux biss l-idejat li kellhom f'moħħom artisti kbar, imma anke xi ftit minn dik it-tjubija li għalkha hu magħruf l-Għarus ta' Marija u l-Missier Putattiv ta Ġesu'.



80 sena ilu, fir-Rabat sar l-ewwel ventartal tal-fidda, li hu dan ta' hawn fuq.

Dan il-ventartal inħadem mid-Ditta Gezzi ta' Milan, fuq id-disinn tal-Bormliż Abraham Gatt, u ġie imżanżan fil-festa ta' San Ġużepp tas-sena 1906, kien qam is-somma ta' £520 sterlina, li nġabru mill-Fratelli, Konsorelli u bosta benefatturi ta' San Ġużepp. Ir-Rettur kien in-Nobbli Sac. Santi dei Baroni De Piro, hu l-Mons. Ġużeppi De Piro, li waqqaf is-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl.